



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

**2010/0074(COD)**

23.11.2010

## OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini  
(COM(2010)0119 – C7-0089/2010 – 2010/0074(COD))

Rapporteur għal opinjoni(\*): Gerald Häfner u Diana Wallis

(\* ) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-aħħar ta' Marzu 2010 l-Kummissjoni Ewropea uffiċjalment ressqet it-test tal-Abbozz tar-Regolament li fforma l-bażi għal ħafna dibattiti, smiġh u diskussjonijiet li saru minn dak iż-żmien 'l hawn. Tali dibattiti mhux biss ġew konklużi fil-Kumitati responsabbli – b'mod partikolari ovyjament l-AFCO u l-PETI, imma wkoll matul laqgħa konġunta AFCO-PETI mal-Parlamenti Nazzjonali. Kważi l-gruppi politiċi kollha fil-Parlament organizzaw ukoll is-smiġh tagħhom stess dwar is-suġġett u huwa probabilmnt korrett li jingħad li qatt ma kien hemm tali dibattitu wiesa' u miftuħ dwar l-Abbozz tar-Regolament fl-istorja tal-attivitajiet tal-Parlament.

Madankollu, minħabba s-suġġett, id-dritt taċ-ċittadini Ewropej jew tar-residenti legali li ikollhom impatt dirett fuq il-politiki tal-iżvilupp Ewropej u l-miżuri leġislattivi, hemm ħafna riskju għal dawk l-istituzzjonijiet kollha involuti. Il-Parlament irrikonoxxa dan meta qabel li, fuq bażi eċċezzjonali, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet se jkun involut fi proċess leġislattiv, taħt it-termini tal-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura, minħabba l-għarfien u l-esperjenza tiegħu fir-rigward tad-drittijiet taċ-ċittadini kif ġie espress permezz tad-dritt ta' petizzjoni li għandu tant in komuni mal-'inizjattiva taċ-ċittadini'. Din hija fil-fatt l-ewwel darba li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kien involut f'xi forma ta' attività leġislattiva.

Il-Parlament ikkunsidra wkoll li jkun mixtieq li l-Kumitati responsabbli jkunu permessi jaħtru korapporteurs, aktar milli rapporteur wieħed, sabiex tiġi żgurata l-bażi l-aktar wiesgħa għal ftehim dwar din il-kwistjoni. B'dan il-mod, l-AFCO u wara l-PETI, haħru l-korapporteurs tagħhom u sa minn dakinhar l-erbgħa li huma ltaqgħu f'numru kbir ta' okkażjonijiet (inklużi laqgħat ma' rapporteurs għal opinjoni ta' kumitati oħrajn) sabiex jitressaq dokument wieħed, motivat sew, li jkun jirrappreżenta regolament aktar issimplifikat, aktar faċli biex jintuża, aktar Prattiku u aktar trasparenti, li jkun magħmul aħjar għall-ambjent kontemporanju li fih qed jevolvu l-politiki Ewropej.

Jekk it-Trattat ta' Lisbona għandu jfisser xi ħaġa għaċ-ċittadini Ewropej, allura għandu jkun fuq il-bażi tal-funzjonament tal-Inizjattiva taċ-ċittadini li għandu jiġi ġġudikat.

Bħala rizzultat ta' konsultazzjoni u dibattitu estensivi, ġie introdott numru ta' tibdiliet importanti meta mqabbel mal-abbozz tal-Kummissjoni u l-pożizzjoni magħrufa tal-Kunsill. Dawn jikkonċernaw fuq kollox il-modifiki kollha għall-proċedura ta' reġistrazzjoni (hija nnifisha relatata mal-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-ammissibilità) u l-introduzzjoni ta' bidla l-aktar sinifikanti li tagħti d-'dritt għall-iffirmar' liċ-ċittadini Ewropej kollha tal-età ta' 16 u 'l fuq. Dan huwa meqjus essenzjali u inevitabilment se jipprovidi mezz biex jiġu ġġenerati dibattiti aħjar u aktar infurmati dwar l-Ewropa u l-futur tagħha fost iż-żgħażaġh tal-lum fl-iskejjel u l-kulleġġi tagħhom, u jiġu pprovduti wkoll b'sehem addizzjonali potenzjalment importanti fil-politiki ta' għada. It-tielet element huwa l-affermazzjoni li l-inizjattivi ta' suċċess kollha għandhom ikunu intitolati li jinstemgħu mill-istituzzjonijiet waqt smiġh pubbliku, fejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet b'mod partikolari, bi ħsiebu jkollu rwol ewlieni. Fl-aħħar, il-korapporteurs iqisu b'mod l-aktar importanti li l-attenzjoni eċċessiva mogħtija mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-verifika tal-identità toħloq wisq ostakli għall-parteċipazzjoni effettiva, u proċedura aktar simplifikata hija proposta li tikkonċentra fuq l-iżgurar li jiġu introdotti salvagwardji biex l-individwi jiġu evitati milli jiffirmaw aktar minn darba u b'hekk jiġi żgurat li tinżamm il-kredibilità tal-proposta.

L-Inizjattiva taç-Ċittadini, taħt it-termini tat-Trattat ta' Lisbona, hija indirizzata miç-ċittadini għall-Kummissjoni li, bħala riżultat, trid tagħmel ċerti bidliet amministrattivi importanti biex takkomoda r-responsabilità l-ġdida tagħhom.

L-abbozz tal-bidliet propost mill-korapporteurs għandu jipprovdi liç-ċittadini bl-istess drittijiet ta' inizjattiva bħall-Parlament li diġà jgawdi minn dritt ta' inizjattiva skont it-termini tal-Artikolu 225 tat-Trattat ta' Lisbona u l-Ftehim ta' Qafas Interistituzzjonali, paragrafu 16.

Irid jinftiehem li l-Inizjattiva taç-Ċittadini tagħti d-dritt liç-ċittadini tal-Ewropa li jfasslu proposta leġislattiva u din hija distinta mid-dritt ta' petizzjoni li ssemma fit-Trattati tal-UE kollha sa minn Maastricht. Fl-Artikolu 227 tat-Trattat ta' Lisbona, hemm miktub li “Kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li ttrissjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu jkollhom id-dritt li tippreżenta petizzjoni, individwalment jew flimkien ma' ċittadini jew persuni oħra, lill-Parlament Ewropew dwar kull suġġett li jaqa' fl-isfera ta' attività tal-Unjoni u li tkun tolqothom direttament.”

Petizzjoni hija għalhekk indirizzata miç-ċittadini jew ir-residenti lill-Parlament Ewropew. Fuq dik il-bażi, il-Kumitat responsabbli jqis regolarment il-kwistjonijiet imqajma miç-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni u huma kapaċi jipparteċipaw fid-dibattiti meta l-petizzjoni tagħhom tkun diskussa – ħafna drabi dwar suġġetti relatati mal-problemi bl-applikazzjoni tal-liġi Ewropea, jew kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tagħhom rikonossuti fit-Trattat.

L-Inizjattiva taç-Ċittadini tippreżenta għalhekk opportunità importanti u addizzjonali għaċ-ċittadini Ewropej kollha biex isemmgħu leħinhom.

Hemm għalhekk ftehim wiesa' ħafna bejn il-korapporteurs tal-PETI u l-kollegi mill-AFCO. Id-diverġenzi kbar jinstabu biss f'erba' punti speċifiċi u huwa ttamat li dawn jistgħu jingħelbu fil-ġimgħat li ġejjin wara l-votazzjonijiet fiż-żewġ kumitati sabiex il-Parlament ikun kapaċi jidħol f'negozjati mal-Kunsill b'mandat sod ħafna u magħqud.

Diana Wallis & Gerald Häfner. 22 ta' Ottubru, 2010.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew jirrinforza ç-ċittadinanza tal-Unjoni u

*Emenda*

(1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrinforza ç-ċittadinanza tal-Unjoni u

jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi inter alia li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li mhux anqas minn miljun ċittadin li huma ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea, fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta adatta dwar materji fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi inter alia li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Dik il-proċedura tagħti liċ-ċittadini l-possibilità li javviċinaw direttament lill-Kummissjoni, filwaqt li jingħataw id-dritt ta' inizjattiva simili għal dak eżerċitat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### *Ġustifikazzjoni*

*Hija superfluwa li jiġu ripetuti d-dispożizzjonijiet tat-Trattat f'premissa. Ir-referenzi neċessarji għat-Trattati saru diġà fil-kunsiderazzjonijiet. Fl-aħħar sentenza hemm referenza għall-post tal-inizjattiva fil-qafas globali tal-kostruzzjoni Ewropea.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal**

#### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew jipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal tali inizjattiva taċ-ċittadini.***

***imħassar***

### *Ġustifikazzjoni*

*Hija inutli li tiġi ripetuta d-dispożizzjoni tat-Trattat f'premissa. Il-bażi legali hija diġà msemmija fl-ewwel kunsiderazzjoni tar-Regolament.*

## **Emenda 3**

**Proposta għal  
Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Dawn il-proċeduri u kundizzjonijiet għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini.

*Emenda*

(3) Dawn il-proċeduri u kundizzjonijiet għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir aktar aċċessibbli. ***They should strike a judicious balance between rights and obligations.***

**Emenda 4**

**Proposta għal  
Premessa 3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Huwa importanti li jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni li jikkonċernaw l-inizjattivi taċ-ċittadini biex jikber l-għarfien taċ-ċittadini u biex tingħata informazzjoni preċiża dwar dan l-istrument ġdid. Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, permezz tar-rappreżentanzi u l-uffiċċji rispettivi tagħhom fl-Istati Membri, meta jintalbu għandhom jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni u pariri informali dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini, b'mod partikolari rigward il-kriterji ta' ammissibbiltà, il-valuri u l-kompetenzi tal-Unjoni u tat-Trattati Ewropej. Għandha titħejja gwida għall-utenti dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini b'kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni u għandha tkun disponibbli onlajn.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu evitati l-aspettattivi foloz u n-nuqqas ta' ftehim dwar in-natura u l-ambitu tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini, il-kampanji ta' informazzjoni jsiru kruċjali. L-emenda għandha l-għan li ttejjeb l-għarfien taċ-ċittadini u l-informazzjoni preċiża dwar dan l-istrument ġdid.*

## Emenda 5

### Proposta għal Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva tal-interess tal-Unjoni, dan in-numru għandu jkun stabbilit għal terz tal-Istati Membri.

#### *Emenda*

(5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Dan il-limitu għandu jiżgura li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva tal-interess tal-Unjoni imma r-rekwiżiti m'għandhomx ikunu kumplessi żżejjed. Huwa għalhekk għandu jkun stabbilit għal wieħed minn kull ħamsa tal-Istati Membri.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Limitu aktar baxx għandu jinstab fejn l-interess tal-Unjoni jista' xorta jiġi rappreżentat imma fejn ir-rekwiżiti mhumiex kumplessi żżejjed.*

## Emenda 6

### Proposta għal Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Huwa xieraq li wieħed jiffissa età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tiġi stabbilita bħala l-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

#### *Emenda*

(7) Huwa xieraq li wieħed jiffissa età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Sabiex titrawwem il-parteċipazzjoni ta' ċittadini iżgħar fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, din għandha tiġi stabbilita bħala l-età ta' 16.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Limitu għal età iżgħar hija proposta sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' ċittadini iżgħar fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-limitu tal-età ta' 16-il sena fil-każ ta' elezzjonijiet Ewropej diġà jeżisti f'ċerti Stati Membri.*

## Emenda 7

**Proposta għal  
Premessa 7 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7a) Huwa importanti li ż-żgħażaġh jiġu involuti u jitħajru jipparteċipaw f'inizjattivi taċ-ċittadini Għalhekk, finalment, għandha titwaqqaf sistema Ewropea għall-verifika tal-firem. Dan jagħmilha possibbli biex ikun hemm età minima komuni waħda għall-finijiet tal-firma fl-Unjoni kollha.***

**Emenda 8**

**Proposta għal  
Premessa 7 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7b) Struttura organizzata b'mod minimu hi meħtieġa biex twassal b'suċċess inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tieħu l-forma ta' kumitat taċ-ċittadini, kompost minn persuni fiżiċi (organizzaturi) ġejjin minn għadd ta' Stati Membri differenti, biex jinkoraġġixxi l-manifestazzjoni ta' kwistjonijiet li jolqtu l-Ewropa kollha u biex irawwem il-ħsieb dwar dawn il-kwistjonijiet. Għall-fini tat-trasparenza u tal-komunikazzjoni bla xkiel u effiċjenti, il-kumitat taċ-ċittadini għandu jaħtar rappreżentanti biex iwettqu funzjoni ta' kollegament bejn il-kumitat u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-inizjattiva taċ-ċittadini hija maħsuba biex tagħti l-opportunità liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Għandha tkun miftuħa biss għal persuni naturali li jistabbilixxu kumitat taċ-ċittadini.*



## Emenda 9

### Proposta għal Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti, għandu jkun obligatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; proposti li jkunu abbużivi jew neqsin mis-serjetà m'għandhomx jiġu reġistrati u l-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposti li b'mod ċar huma kontra l-valuri tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

#### *Emenda*

(8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti u biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha jinġabru l-firem għal proposta li ma taqax taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandu jkun obligatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; Proposti li ma jkunux inizjattivi taċ-ċittadini fl-ambitu ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jiġu reġistrati. ***Ir-reġistrazzjoni hija proċedura amministrattiva bil-għan li jintgħażlu dawk l-inizjattivi li jidħlu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament; Għalhekk kwalunkwe rifjut ta' reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat biss fuq raġunijiet legali u taħt l-ebda ċirkustanza minħabba espedjenza politika.*** Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, u għandha għalhekk tkun obligata li tinforma lill-organizzaturi dwar inizjattiva tar-raġunijiet għal xi rifjut biex tiġi rreġistrata dik l-inizjattiva u tar-rimedji ġuridiċi u extrajuridiċi possibbli kollha disponibbli għalihom. Il-Kummissjoni għandha tikkjarifika wkoll li r-reġistrazzjoni u l-ġbir tal-għadd meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mhux bilfors se jwasslu lill-Kummissjoni biex tadotta proposta għal att legali u li r-reġistrazzjoni ta' inizjattiva ma tikkostitwixxix deċiżjoni formali dwar kwistjonijiet ta' kompetenza.

#### *Ġustifikazzjoni*

*The amendment justifies the abolition of the "admissibility check": the Commission should only verify if a certain initiative is a citizens' initiative pursuant to the Regulation. If it is so, the initiative should be registered and the organisers shouldn't be prevented from collecting*

signatures. The second part addresses some issues which emerge due to the abolition of the "admissibility check". In order to be able to prevent using the initiative for provoking decisions by the Commission on competence issues, it should be explained to organisers that the registration means simply that the initiative in the Commission's view is a European citizens' initiative. It can not be understood as a formal decision on competence issues.

## Emenda 10

### Proposta għal Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) L-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini.

#### *Emenda*

(9) Ladarba proposta tiġi rreġistrata bħala inizjattiva taċ-ċittadini, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini jistgħu jinġabru mill-organizzaturi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Issa hħaħ il-pożizzjoni li r-reġistrazzjoni tfittex biss li tiddeċiedi jekk l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej hijiex possibbli jew le. Jekk ikun hekk, l-organizzaturi ma jkollhomx għalfejn jikkonformaw ma' rekwiżiti oħra (l-ammissibbiltà, eċċ) iżda jkunu ħielsa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom skont it-Trattat, jiġifieri li jiġbru l-firera favur inizjattiva.*

## Emenda 11

### Proposta għal Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Huwa xieraq li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz tal-karti kif ukoll onlajn. Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, inter alia, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-dejta tinħażen b'mod sigur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tkun obligata li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn.

#### *Emenda*

(10) Biex it-teknoloġija moderna tintuża tajjeb bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva, ikun xieraq li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru onlajn kif ukoll permezz tal-karti. Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, inter alia, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-dejta tinħażen b'mod sigur. ***L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għandhom jinħadmu fil-livell ta' esperti u għandhom jiġu adattati regolarment għall-iżviluppi tekniċi;*** is-

setgħa li jiġu adottati speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' għbir onlajn għandha għalhekk tkun iddelegata lill-Kummissjoni.

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tfittex li tagħti r-raġunijiet għad-dispożizzjonijiet u tiġġustifika l-użu tal-atti delegati.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(13) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' l-inizjattivi proposti fi stadju biżżejjed bikri. L-organizzatur għandu għalhekk jagħmel talba għal deċiżjoni wara li jkun għabar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ għall-inizjattiva proposta minn firmatarji ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri.***

***imħassar***

### *Ġustifikazzjoni*

*Tneħħa l-iċċekkjar tal-ammissibilità*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(14) Fi żmien perjodu ta' xahrejn wara li tiriċievi t-talba mill-organizzatur, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni u tikkonċerna materja fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-iskop tal-implimentazzjoni***

***imħassar***

*tat-Trattati.*

*Ġustifikazzjoni*

*Tneħħa l-iċċekkjar tal-ammissibilità*

**Emenda 14**

**Proposta għal**

**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) Huwa xieraq li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perjodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.

(15) Huwa xieraq li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perjodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun ċar li l-Istati Membri jridu jiċċekkjaw il-firem anki jekk tkun inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, għax m'hemm l-ebda awtorità elettorali tal-Unjoni kompetenti li tista' tagħmel dak l-eżerċizzju.*

**Emenda 15**

**Proposta għal**

**Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16) L-organizzaturi għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu sodisfatti qabel jissottomettu l-inizjattiva**

***imħassar***

**taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa superfluwu li jissema f'premessa li l-obbligi stipulati minn Regolament għandhom jiġu ssodisfati sabiex jintlaħaq l-effett legali mixtieq.*

**Emenda 16**

**Proposta għal**

**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Il-Kummissjoni għandha teżamina inizjattiva taċ-ċittadini u tistabbilixxi l-konklużjonijiet tagħha, u l-azzjoni li biħsiebha tiegħu b'rispons għaliha, f'perjodu ta' erba' xhur.

*Emenda*

(17) Il-Kummissjoni għandha teżamina inizjattiva taċ-ċittadini u tirreaġixxi għaliha b'mod ċar, komprensibbli u dettaljat u f'perjodu ta' żmien korrispondenti għat-trattament tagħha tal-inizjattivi leġislattivi tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. ***Thus, as a first step, the Commission should receive the organisers within three months and inform them of how it intends to act. As a second step, the European Commission should organise a public hearing jointly with the European Parliament, through its responsible committee, with a representative of the Commission in attendance as the main addressee. Bħala t-tielet pass, il-Kummissjoni għandha toħroġ bit-tweġiba finali tagħha għall-inizjattiva wara sena, jew billi tipproponi leġislazzjoni jew billi tispjega b'mod dettaljat ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx se taġixxi fuq l-inizjattiva. Il-Kummissjoni għandha tagħti wkoll spjegazzjoni dettaljata fil-każ li l-proposta leġislattiva titbiegħed b'mod sinifikanti mill-inizjattiva taċ-ċittadini.***

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għal pass miċ-ċittadini Ewropej għandha tkun iġġustifikata kemm legalment kif ukoll politikament. Barra minn hekk, dan għandu jidher minn raġunament li juri li l-leħen taċ-ċittadini jinstema' u li azzjoni possibbli li trid tittieħed tkun maħsuba bis-serjetà u bir-reqqa.*

## Emenda 17

### Proposta għal Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta tapplika b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' dejta personali li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, huwa adatt li jiġi ċċarat li l-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma l-kontrolluri tad-dejta fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li għalih tista' tinħażen id-dejta personali miġbura għall-finijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-dejta, l-organizzaturi jridu jieħdu l-miżuri kollha adatti biex jikkonformaw mal-obbligi imposti mid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari dawk relatati mal-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipproċessar u l-provvediment tal-informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta biex jaċċessaw id-dejta personali tagħhom kif ukoll il-korrezzjoni u t-tħassir tad-dejta personali tagħhom.

#### *Emenda*

(18) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta tapplika b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' dejta personali li jsir fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, huwa adatt li jiġi ċċarat li l-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma l-kontrolluri tad-dejta fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE u li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li għalih tista' tinħażen id-dejta personali miġbura għall-finijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-dejta, l-organizzaturi jridu jieħdu l-miżuri kollha adatti biex jikkonformaw mal-obbligi imposti mid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari dawk relatati mal-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipproċessar u l-provvediment tal-informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta biex jaċċessaw id-dejta personali tagħhom kif ukoll il-korrezzjoni u t-tħassir tad-dejta personali tagħhom.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Emenda li tfittex li tagħti raġun għat-terminu li jimplementa. Tibdil lingwistiku sabiex jintuża lingwaġġ aħjar.*

## Emenda 18

### Proposta għal Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti legali skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-fini tal-emendar tal-Annessi għal dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(21) Minħabba l-bżonn possibbli fil-futur li jiġu emendati jew issupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew l-annessi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti legali skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Emenda li tirrifletti l-bidla fit-termini li jimplementaw u tiġġustifika l-użu ta' atti delegati.*

## Emenda 19

### Proposta għal Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**(22) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.**

#### *Emenda*

***imħassar***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu adottati mill-atti delegati; għalhekk, id-dispożizzjoni dwar is-setgħat implimentattivi tiskadi.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(23) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.**

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa superfluwu li sempliċiment tiġi ripetuta parti mit-termini li jimplementaw fi premissa.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. "Inizjattiva taċ-ċittadini" tfisser inizjattiva, sottomessa lill-Kummissjoni skont ir-Regolament preżenti, li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta legali adatta dwar materji fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni hu meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, li rċeviet appoġġ ta' għall-anqas miljun firmatarju eliġibbli li ġejjin minn terz tal-Istati Membri kollha;

1. "Inizjattiva taċ-ċittadini" tfisser inizjattiva, sottomessa lill-Kummissjoni skont ir-Regolament preżenti, li tistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta legali adatta dwar materji fejn iċ-ċittadini jqisu li att legali tal-Unjoni hu meħtieġ għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, li rċeviet appoġġ ta' għall-anqas miljun firmatarju eliġibbli li ġejjin minn terz tal-Istati Membri kollha;

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi ffaċilitata t-tnedija ta' inizjattiva, biex tiġi permessa proċedura aktar sempliċi u anqas kumplexsa, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu aktar baxx.*

## **Emenda 22**



**Proposta għal  
Artikolu 2 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. "Firmatarji" tfisser ċittadini tal-Unjoni li appoġġjaw inizzjattiva taċ-ċittadini partikolari billi mlew dikjarazzjoni ta' appoġġ għal dik l-inizzjattiva;

*Emenda*

2. "Firmatarji" tfisser ċittadini tal-Unjoni li appoġġjaw inizzjattiva taċ-ċittadini partikolari billi mlew dikjarazzjoni ta' appoġġ għal dik l-inizzjattiva;

*Ġustifikazzjoni*

*There are many reasons why all the participation of all residents should be facilitated, including:*

- Non-EU citizens are fully integrated into political life in most member states (being active in political parties, trade unions and community groups, being elected as local councillors or even mayors, etc.) - it seems anomalous that they can not sign an initiative which is not binding in legislative terms*
- It sends a signal to non-EU citizens that the EU is not their concern and does not want their involvement or input*
- The process of verification of signatures may be done by member states by verifying a sample of signatures. This will encourage campaigners to actively discourage non-EU citizens from signing initiatives for fear of skewing the sample.*
- It will exclude not only individuals but whole communities which will simply not be targeted by campaigners due to their having a higher percentage of non-EU citizens.*
- It will promote subliminal racism as campaigners are encouraged to target people who look "more European" when collecting signatures.*
  
- The political concept of a "citizens Europe", which inspires the European Citizens' Initiative was never intended to be exclusive, nor to discourage non-EU citizens from engaging with the EU*

**Emenda 23**

**Proposta għal  
Artikolu 2 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. "Organizzatur" tfisser persuna naturali jew legali jew organizzazzjoni responsabbli għat-tnejn u sottomissjoni ta' inizzjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

*Emenda*

3. "Organizzaturi" tfisser persuni fiżiċi li jiffurmaw kumitat taċ-ċittadini responsabbli għat-tnejn u tressiq ta' inizzjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

*(Din l-emenda, b' mod partikolari biex tbiddel "organizzatur" għal "organizzaturi", tapplika għat-test sħiħ. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet*

*korrispondenti fit-test kollu.)*

### *Ġustifikazzjoni*

*Inizjattiva taċ-ċittadini ġenwina għandha, bħala definizzjoni, tkun għodda ta' demokrazija parteċipatorja li tkun miġtuha għaċ-ċittadini tal-Unjoni u mhux għal persuni legali. Għalhekk l-organizzaturi għandhom ikunu biss ċittadini (persuni fiżiċi). L-organizzaturi għandhom jiffurmaw kumitat taċ-ċittadini sabiex ikunu jistgħu jniedu inizjattiva.*

#### **Emenda 24**

##### **Proposta għal Artikolu 3 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Kundizzjonijiet għall-organizzatur u għall-firmatarji

Kundizzjonijiet għall-organizzatur u għall-firmatarji

### *Ġustifikazzjoni*

*Inizjattiva taċ-ċittadini għandha tkun immedija mill-kumitat taċ-ċittadini magħmul minn persuni fiżiċi li jkunu ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk dan it-titlu għandu jiġi aġġustat.*

#### **Emenda 25**

##### **Proposta għal Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Meta l-organizzatur huwa persuna fiżika, dik il-persuna għandha tkun ċittadin tal-Unjoni u tkun tal-età intitolata biex tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej.

1. L-organizzaturi għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u jkunu tal-età intitolata biex jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej.

***Meta l-organizzatur huwa persuna legali jew oragnizzazzjoni din għandha tkun stabbilita fi Stat Membru. L-organizzazzjonijiet li m'għandhomx personalità legali taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għandu jkollhom rappreżentanti li għandhom il-kapaċità li jieħdu obbligi legali f'isimhom u li jassumu r-responsabbiltà.***

## *Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-plural huwa ġġustifikat mill-Artikolu 3(1a) (ġdid). It-tħassir huwa meħtieġ għax l-organizzaturi għandhom ikunu biss persuni fiżiċi.*

### **Emenda 26**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-organizzaturi għandhom jiffurmaw kumitat taċ-ċittadini ta' mill-inqas seba' persuni li jkunu residenti ta' mill-inqas seba' Stati Membri.***

***L-organizzaturi għandhom jaħtru rappreżentant wieħed u sostitut wieħed, li għandhom iwettqu funzjoni ta' kuntatt bejn il-kumitat taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tul il-proċedura kollha kemm hi u li għandu jkollhom il-mandat li jitkellmu u jaġixxu f'isem il-kumitat taċ-ċittadini.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' kwistjonijiet reali mal-Ewropa kollha, ir-riflessjoni dwar dawk il-kwistjonijiet u l-ġbir ta' firem mal-Unjoni kollha, l-inizjattiva għandha tkun proposta minn numru definit ta' ċittadini li għandhom iwaqqfu kumitat taċ-ċittadini. Il-kumitat għandu jkun kapaċi jikkellem b'vuċi waħda, b'hekk l-obbligu li tinħatar persuna ta' kuntatt u sostitut.*

### **Emenda 27**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u tal-età intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej.***

***2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini jew residenti legali tal-Unjoni u għandu jkollhom tal-anqas 16-il sena.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titrawwem il-parteċipazzjoni ta' ċittadini Ewropej żgħażaġh biex jiffurmaw il-futur tal-Unjoni u biex titħeġġeġ parteċipazzjoni usa' fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu tal-età aktar baxx mill-età intitolata għall-vot f'ħafna Stati Membri u mil-limitu tal-età għall-membri tal-kumitat taċ-ċittadini.*

### **Emenda 28**

#### **Proposta għal**

#### **Artikolu 4 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obbligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-għanijiet kif ukoll is-sors ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Din l-informazzjoni għandha tkun provduta b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'reġistru onlajn li jiġi provdut għal dan l-iskop mill-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru").

##### *Emenda*

1. Qabel jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obbligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-għanijiet kif ukoll is-sors ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

L-organizzaturi għandhom jipprovdu, għar-reġistru definit fit-tielet subparagrafu u fejn ikun xieraq fuq il-websajt tagħhom, informazzjoni aġġornata b'mod regolari dwar is-sorsi ta' appoġġ u ffinanzjar għall-inizjattiva.

Din l-informazzjoni għandha tkun provduta b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'reġistru onlajn li jiġi provdut għal dan l-iskop mill-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru"). ***Informazzjoni f'lingwa uffiċjali barra l-lingwa/i li fiha/fihom tkun oriġinarjament ġiet provduta tista' tiġi provduta sussegwentement għal dħul fir-reġistru.***

***It-traduzzjoni tal-inizjattiva f'lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni għandha tkun ir-responsabilità tal-organizzaturi.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Fil-prattika, l-inizjattiva għandha tiġi tradotta minħabba li l-kumitat taċ-ċittadini huwa*

*magħmul minn ċittadini li jiġu minn pajjiżi differenti, u l-firem iridu jinġabru f'tal-inqas wieħed minn kull ħames Stati Membri.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Ħlief f'dawk il-każijiet previsiti fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tirreġistra mingħajr dewmien l-inizjattiva proposta taħt reġistru uniku u tibgħat konferma lill-organizzatur.

*Emenda*

2. Jekk huwa stabbilit li l-inizjattiva proposta tikkwalifika bħala inizjattiva taċ-ċittadini skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirreġistרהa taħt reġistru uniku u tibgħat konferma lill-organizzaturi.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi rrifjutata biss f'każijiet meta l-pass imsemmi ma jkunx inizjattiva taċ-ċittadini. Dawk il-każijiet huma ddefiniti mit-Trattati u dan ir-regolament.*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal Artikolu 4 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. *L-inizjattivi taċ-ċittadini proposta li raġonevolment jistgħu jitqiesu mhux adatti minħabba li huma abbużivi jew mhux serji ma jiġux reġistrati.*

*Emenda*

3. *Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva proposta fi żmien xahrejn mir-riċeviment tagħha meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) il-kumitat taċ-ċittadini jkun ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt ikunu nħatru;*

*(b) ma jkunx hemm inkonsistenzi b'mod ċar u sinifikanti bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tat-titlu, is-suġġett u l-objettivi tal-inizjattiva proposta;*

*(c) l-inizjattiva ma taqax b'mod ċar 'il barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni taħt it-Trattati li titressaq proposta għall-att legali mitlub;*

*(d) l-inizjattiva proposta ma tkunx abbużiva, frivola jew vessatorja b'mod ċar;*

*(e) l-inizjattiva proposta ma tkunx kuntrarja b'mod ċar għall-valuri tal-Unjoni kif inhu stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*

### *Ġustifikazzjoni*

*The Commission proposal separates the question of registration and admissibility. In the rapporteurs' view if a certain move by citizens fulfils all the criteria set out by the treaty and the regulation for a citizens' initiative, the organisers' right to collect signatures can not be denied. In that case there is no need to further examine "admissibility". On the other hand, if it doesn't fulfil those criteria, then it is not a citizens' initiative but something else (petition, letter, complaint, etc.) and in that case, for the sake of legal certainty, it should be made clear from the beginning that collecting signatures is a waste of time. The Regulation therefore should contain the criteria laid down in this amendment in order to make it possible to assess right in the beginning whether a citizens' initiative is on the table or not. If any of the above criteria is not fulfilled, the Commission can automatically deny registration, because the proposed move is not a citizens' initiative; thus the Commission wouldn't formally give a decision on competence issues: it would simply decide on an administrative level whether it is a citizens' initiative or not. The Commission should have a reasonable deadline for the decision on the registration of an initiative, because some serious initiatives could require a thorough evaluation of the issue.*

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal Artikolu 4 – paragrafu 3 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 ma jiġux sodisfati.***

***Il-Kummissjoni għandha tieħu kwalunkwe miżura li tqis neċessarja biex tiżgura l-organizzaturi li d-deċiżjoni tagħha dwar ir-reġistrazzjoni tirrispetta għal kollox l-ittra u l-ispirtu tat-Trattati, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni sussegwenti tagħha dwar is-sustanza tal-kwistjoni.***

***Fejn tirrifjuta tirreġistra inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzaturi tar-raġunijiet għal tali rifjut u tar-rimedji ġuridiċi u extraġuridiċi possibbli kollha disponibbli għalihom.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*The registration of an initiative should only be refused if it is not a citizens' initiative pursuant to this Regulation or if this can not be assessed, because there are serious contradictions in the translations prepared by the organisers.*

*The Commission should decide on the registration on strict legal grounds; however, that decision should not bind its hands as to its ulterior decision on the substance of the matter.*

*As a part of good administration, organisers should have feedback from the Commission which would allow them to adjust the initiative in order to be appropriate for registration. The organisers should also have information on the modalities on how to challenge the Commission's decision if they deem it necessary.*

#### **Emenda 32**

##### **Proposta għal Artikolu 4 – paragrafu 4**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti li huma manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni.

###### *Emenda*

***4. F'kwalunkwe żmien qabel it-tressiq tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ bi qbil mal-Artikolu 9, l-organizzaturi jistgħu jirtiraw inizjattiva rreġistrata. Jekk inizjattiva tiġi rtirata, għandha tiddaħħal għal dak il-għan indikazzjoni ta' dan fir-reġistru.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjonijiet l-oħra għall-emendi tal-Artikolu 4.*

*Il-kumitat taċ-ċittadini għandu jibqa' liberu li jirtira inizjattiva meta jqis li huwa inutli li jitkompli l-ġbir tal-firem jew li sempliċiment mhux bi ħsiebu jkompli bl-attività tiegħu għal kwalunkwe raġuni. Madankollu, din l-opportunità m'għandhiex tintuża wara t-tressiq tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ minħabba li l-Istati Membri jkun qed jonfqu l-flus taċ-ċittadini li jħallsu t-taxxa meta jaslu biex jivverifikaw il-firem.*

## Emenda 33

### Proposta għal

#### Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw biss dikjarazzjonijiet permezz ta' formuli tal-appoġġ li jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-anness III. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

##### *Emenda*

Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw biss dikjarazzjonijiet permezz ta' formuli tal-appoġġ li jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-anness III. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

##### *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Anness III, il-firmatarji għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja: isem, indirizz tar-residenza permanenti, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, id-data tal-firma. Għall-ġbir tal-firem jistgħu jintużaw biss verżjonijiet lingwistiċi rreġistrati tal-formola, għax inkella, f'każ ta' traduzzjoni mhux korretta, ma jistax jiġi żgurat li l-firem ikunu nġabru għall-istess inizjattiva.*

## Emenda 34

### Proposta għal

#### Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***Fl-aħħar ta' dak il-perjodu, ir-reġistru għandu jindika li l-perjodu skada u, fejn hu xieraq, li l-Kummissjoni żgurat ruħha li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ neċessarji ma tressqux.***

## Emenda 35



**Proposta għal  
Artikolu 6 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Qabel ma jingħata bidu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, l-organizzatur għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir onlajn użata għal dan l-iskop tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4. L-organizzatur jista', f'kwalunkwe ħin, jistaqsi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri li fih tinħażen jew tkun se tinħażen id-dejta miġbura, biex jiċċertifika li s-sistema ta' ġbir onlajn tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet. F'kwalunkwe każ, l-organizzatur għandu jitlob ċertifikazzjoni qabel ma jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-verifika skont l-Artikolu 9.

*Emenda*

2. Qabel ma jingħata bidu għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, l-organizzatur għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir onlajn użata għal dan l-iskop tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4. L-organizzatur jista', f'kwalunkwe ħin, jistaqsi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri li fih tinħażen jew tkun se tinħażen id-dejta miġbura, biex jiċċertifika li s-sistema ta' ġbir onlajn tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet. F'kwalunkwe każ, l-organizzaturi għandhom jitolbu ċertifikazzjoni qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

***L-organizzatur għandu jagħmel kopja taċ-ċertifikat maħruġ f'dak ir-rigward pubblikament disponibbli fuq il-websajt użata għas-sistema tal-ġbir onlajn.***

***Fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli softwer ħieles li jinkorpora ftit mill-fatturi tekniċi u ta' sigurtà neċessarji għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward is-sistemi ta' ġbir onlajn. Is-softwer għandu jsir disponibbli b'xejn lill-organizzaturi.***

***The Commission shall inform the European Parliament of the state of progress in the creation of the open-source software by no later than three months after the entry into force of this Regulation.***

*Ġustifikazzjoni*

*In order for the open-source software to guarantee that the online collection of signatures is simple, unified in all the Member States and respects the data protection requirements, the Commission should inform the Parliament on the progress made. This should be done before the open-source software is definitely made available. This would enable to point out*

*problems in order for the Commission to correct them.*

*Il-ġbir onlajn tal-firem għandu jiġi ffaċilitat mill-Kummissjoni billi jsir disponibbli softwer ħieles. Huwa aktar xieraq li jintalab ċertifikat għal sistemi ta' ġbir onlajn qabel, u mhux wara, il-ġbir tal-firem. Barra minn hekk, dan iċ-ċertifikat għandu jsir disponibbli fuq il-websajt sabiex iċ-ċittadini jkunu jafu li jistgħu jafdaw is-sistema.*

## **Emenda 36**

### **Proposta għal**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

b. l-identità tal-persuna tkun tista' tiġi verifikata;

b. il-fatt li kull persuna tissottometti dikjarazzjoni waħda biss ikun jista' jiġi vverifikat;

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-identità ta' persuna mhijiex meħtieġa għar-raġuni li tiġi vverifikata l-awtentività tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Huwa biżżejjed li jiġi ċċekkjat li l-persuna tkun eliġibbli li tiffirma u tiffirma darba waħda biss. Il-fatt li persuna partikolari tista' tiffirma darba waħda biss għandha tiġi vverifikata fil-każ ta' firem onlajn ukoll.*

## **Emenda 37**

### **Proposta għal**

#### **Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

d. is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li tikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).

d. is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li tikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-dikjarazzjoni ta' appoġġ onlajn (ara Anness III) tista' wkoll tkun f'forma ta' lista.*

## Emenda 38

### Proposta għal Artikolu 6 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 19(2).

#### *Emenda*

5. Within **six months** following the entry into force of this Regulation, the Commission shall adopt, **by means of delegated acts** in accordance with **Article 16, and subject to the conditions of Articles 17 and 18**, technical specifications for **online collection systems**.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati minflok atti implimentattivi. Il-bidla fl-iskadenza ġejja minħabba allinjament bejn l-iskadenzi differenti applikabbli wara d-dħul fis-seħħ.*

## Emenda 39

### Proposta għal Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn terz tal-Istati Membri.

#### *Emenda*

1. Il-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-Istati Membri.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi ffaċilitata t-tnedija ta' inizjattiva, biex tiġi permessa proċedura aktar sempliċi u anqas kumplessa, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu aktar baxx.*

## Emenda 40

### Proposta għal Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'terz tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'għall-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-

#### *Emenda*

2. F'terz tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'għall-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi ffaċilitata t-tneġġja ta' inizzjattiva, biex tiġi permessa proċedura aktar sempliċi u anqas kumplessa, huwa xieraq li jiġi stabbilit limitu aktar baxx.*

**Emenda 41****Proposta għal  
Artikolu 7 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

3. Il-firmatarji għandhom jitqiesu bħala li ġejjin mill-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' identifikazzjoni indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom.

3. Il-firmatarji għandhom jitqiesu bħala li ġejjin mill-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza permanenti tagħhom.

***Firmatarju li ma jkunx ċittadin tal-Istat Membru fejn hu jirrisjedi b'mod permanenti jista' jagħżel li jitqies bħala li ġej jew mill-Istat Membru fejn hu jirrisjedi b'mod permanenti jew mill-Istat Membru li tiegħu hu jkun ċittadin.***

***Firmatarju li jkun residenti b'mod permanenti f'pajjiż terz għandu jitqies bħala li jkun ġej mill-Istat Membru li tiegħu hu jkun ċittadin.***

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-residenza permanenti għandha tkun indikata minflok id-dokumenti ta' identità. Dan jippermetti li jiġi evitat li firmatarji potenzjali jiġu skoraġġuti milli jiffirmaw. Ir-residenza permanenti għandha tkun l-ewwel kriterju biex jiġi deċiż minn fejn ġew il-firem. Ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat Membru li ma jkunx dak li tiegħu huma ċittadini jew li jgħixu barra t-territorju tal-UE m'għandhomx jiġu esklużi mill-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'inizzjattiva taċ-ċittadini. Il-kriterju li għalhekk għandu jinżamm biex jiġi ddeterminat minn fejn tkun ġiet il-firma għandu jkun in-nazzjonalità tagħhom.*

## Emenda 42

### Proposta għal Artikolu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 8*

*imħassar*

#### *Deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta*

*1. Wara li jkun ġabar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ skont l-Artikoli 5 mill-firmatarji li jkunu ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri, l-organizzatur għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Għal dan il-ġhan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness V.*

*2. Il-Kummissjoni, fi żmien xahrejn minn mindu tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, għandha tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta għandha titqies ammissibbli jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*a. tikkonċerna materja fejn att legali tal-Unjoni jista' jiġi adottat għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattat; u wkoll*

*b. jekk taqa' taħt il-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni biex tagħmel proposta.*

*3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u għandha tiġi pubblikata.*

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjonijiet għall-emendi tal-Artikolu 4.*

## Emenda 43

### Proposta għal

#### Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Wara li jkun għabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, u sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li inizzjattiva taċ-ċittadini proposta hija ammissibbli skont l-Artikolu 8, l-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-karti jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI.

##### *Emenda*

1. Wara li jkun għabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, l-organizzaturi għandhom jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-karti jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI.

##### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjonijiet għall-emendi tal-Artikolu 4.*

## Emenda 44

### Proposta għal

#### Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat Membru li ħareġ id-dokument tal-identifikazzjoni indikat fihom.

##### *Emenda*

L-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat Membru fejn il-firmatarji jkollhom ir-residenza permanenti tagħhom.

***Firmatarju li ma jkunx ċittadin tal-Istat Membru fejn hu jirrisjedi b'mod permanenti jista' jagħżel li jitqies bħala li ġej jew mill-Istat Membru fejn hu jirrisjedi b'mod permanenti jew mill-Istat Membru li tiegħu hu jkun ċittadin.***

***Fil-każijiet fejn il-firmatarji jkollhom ir-residenza permanenti f'pajjiż terz, l-organizzatur għandu jissottometti dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-Istat***

## ***Membru li tagħhom huma ċittadini.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-residenza permanenti għandha tkun indikata minflok id-dokumenti ta' identità. Dan jippermetti li jiġi evitat li firmatarji potenzjali jiġu skoraġġuti milli jiffirmaw. Ir-residenza permanenti għandha tkun il-kriterju biex jiġi deċiż minn fejn ġew il-firem. Ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat Membru li ma jkunx dak li tiegħu huma ċittadini jew li jgħixu barra t-territorju tal-UE m'għandhomx jiġu esklużi mill-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'inizjattiva taċ-ċittadini. Il-kriterju li għalhekk għandu jinżamm biex jiġi ddeterminat minn fejn tkun ġiet il-firma għandu jkun in-nazzjonalità tagħhom.*

### **Emenda 45**

#### **Proposta għal**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ provduti fuq il-bażi ta' verifiki adatti, u jistgħu jipprovdu lill-organizzatur ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness VII, li jiċċertifika numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għal dak l-Istat Membru.

##### *Emenda*

2. F'perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ provduti fuq il-bażi ta' verifiki adatti, u jistgħu jipprovdu lill-organizzatur ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness VII, li jiċċertifika numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għal dak l-Istat Membru.

***Għal raġuni ta' vverifikar tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċekkjaw li l-persuna tkun eliġibbli li tiffirma u li tkun iffirmit darba waħda biss. L-awtentikazzjoni tal-firem mhijiex meħtieġa.***

### *Ġustifikazzjoni*

*L-identità ta' persuna mhijiex meħtieġa għar-raġuni li tiġi vverifikata l-awtentiċità tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Huwa biżżejjed li jiġi ċċekkjat li l-persuna tkun eliġibbli li tiffirma u tiffirma darba waħda biss.*

## Emenda 46

### Proposta għal Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Wara li jkun kiseb iċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 9(2), u sakemm il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew rispettati, l-organizzatur jista' jissottometti l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

Wara li jkun kiseb iċ-ċertifikati previsti fl-Artikolu 9(2), u sakemm il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew rispettati, l-organizzatur jista' jissottometti l-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni. ***That information shall be published in the Commission's register.***

***The amount of support and funding received from any source in excess of which information is to be provided shall be identical to Regulation (EC) No 2004/2003 of the European Parliament and of the Council of 4 November 2003 on the regulations governing political parties at European level and the rules regarding their funding<sup>1</sup>.***

---

*ĠU L 1, 12.1.2001, p. 1.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kumitat taċ-ċittadini għandu jiżgura trasparenza sħiħa għall-forndi u appoġġ tal-inizjattiva. Madankollu l-fatt li tingħata informazzjoni dettaljata dwar kull donazzjoni li tkun ġejja minn persuni fiżiċi, irrelevanti mill-ammont, mhuwiex realistiku u jitfa' wisq piż amministrattiv fuq l-organizzaturi. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tkun kapaċi tiddetermina l-ammont permezz ta' att delegat.*

## Emenda 47

### Proposta għal Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 10 hija għandha:

a. tippubblika l-inizjattiva taċ-ċittadini

#### *Emenda*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 10 hija għandha:

a. tippubblika l-inizjattiva taċ-ċittadini



mingħajr dewmien fuq il-websajt tagħha;  
b. teżamina l-inizjattiva taċ-ċittadini u, fi  
żmien 4 xhur, tistabbilixxi  
f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet tagħha  
dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li bi ħsiebha  
tieħu, jekk se tieħu, u r-raġunijiet għala bi  
ħsiebha tagħmel dan.

mingħajr dewmien fuq il-websajt tagħha;  
b. examine the citizens' initiative, *receive  
the organisers of the initiative at an  
appropriate level* and, within *three  
months*, set out in a communication its  
*initial* conclusions on the initiative;

*c. organise a public hearing jointly with  
the European Parliament through its  
committee responsible, at which the  
Commission shall be represented at  
Commissioner or Director-General level  
and at which the organisers shall have the  
opportunity to explain in detail the  
matters raised by the initiative;*

*d. tressaq proposta leġiżlattiva fi żmien  
sena jew tinkludi l-proposta fil-Programm  
ta' Ħidma tagħha tas-sena d-dieħla.* Jekk  
il-Kummissjoni ma tressaqx tali proposta,  
hija għandha tagħti lill-organizzaturi kif  
ukoll lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill  
spjegazzjonijiet dettaljati tar-raġunijiet  
tagħha għaliex ma tkunx ħadet azzjoni  
dwar l-inizjattiva.

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tasal għal konklużjonijiet legali u politiċi dwar l-inizjattiva. Il-komunikazzjoni għandu jkollha ż-żewġ tipi ta' konklużjonijiet. Il-bidla fl-iskadenza tfittex li tirrifletti l-ilħuq tal-ftehim tal-qafas il-ġdid. Ara wkoll il-ġustifikazzjoni għal Premessa 17.*

## **Emenda 48**

### **Proposta għal Artikolu 11 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tiġi notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiġi pubblikata.

#### *Emenda*

2. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tiġi notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tiġi pubblikata.

## *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjonijiet għall-emendi tal-Artikolu 3.*

### **Emenda 49**

#### **Proposta għal Artikolu 12 – paragrafu 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-organizzatur għandu jeqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara li jissottometti dik l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 jew 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta, skont liema taħbat l-ewwel.

##### *Emenda*

Sakemm il-proċeduri mhumiex suġġetti għal litigazzjoni, l-organizzatur għandu jeqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija f'punt (b) tal-Artikolu 11(1). ***Fil-każ ta' litigazzjoni, huma għandhom jinqerdu xahar wara l-konklużjoni tal-litigazzjoni.*** Minbarra fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu għadhom ma kkonkludewx il-verifiki tagħhom tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, huma għandhom ukoll jinqerdu jekk tkun għadha ma tressqitx inizjattiva taċ-ċittadini proposta quddiem il-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha.

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-regolament għandu jqis il-possibilità li dawn id-dokumenti jafu jkunu bżonnjużi f'litigazzjoni possibbli.*

### **Emenda 50**

#### **Proposta għal Artikolu 12 – paragrafu 4**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorità kompetenti għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom li tkun irċeviet għall-fini tat-twerttiq tal-verifika skont l-Artikolu 9(2),

##### *Emenda*

L-awtorità kompetenti għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom li tkun irċeviet għall-fini tat-twerttiq tal-verifika skont l-Artikolu 9(2),

mhux aktar minn xahar wara li tkun ħarġet iċ-ċertifikat imsemmi f'dan il-paragrafu.

mhux aktar minn xahar wara li tkun ħarġet iċ-ċertifikat imsemmi f'dan il-paragrafu.

***Fil-każ ta' litigazzjoni, huma għandhom jinqerdu xahar wara l-konklużjoni tal-litigazzjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni preċedenti.*

## **Emenda 51**

### **Proposta għal**

#### **Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi residenti jew stabbiliti fit-territorju tagħhom għandhom ikunu responsabbli taħt il-liġi ċivili jew kriminali tagħhom għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi residenti jew stabbiliti fit-territorju tagħhom għandhom ikunu responsabbli taħt il-liġi ċivili jew kriminali tagħhom għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:

*Ġustifikazzjoni*

*Persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu organizzaturi.*

## **Emenda 52**

### **Proposta għal**

#### **Artikolu 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Emenda tal-Annessi***

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 16, 17 u 18, l-emendi tal-Annessi f'dan ir-Regolament.

*Emenda*

***Atti ta' delega***

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 16, 17 u 18:

***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' għbir onlajn skont l-Artikolu 6(5);***

l-emendi tal-Annessi għal dan ir-Regolament.

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati fl-oqsma kollha elenkati f'din l-emenda. Għalhekk it-titlu għandu bl-istess mod jinbidel ukoll.*

*The provisions determining the minimum amount of support and funding in excess of which information is to be provided should not be decided by means of delegated acts, as there should not be any minimum threshold for financial support.*

### **Emenda 53**

#### **Proposta għal Artikolu 18 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

##### *Emenda*

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

## *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun konformi mal-approċċ orizzontali segwit mill-PE, l-iskadenza għandha tkun itwal minn dik proposta mill-Kummissjoni.*

### **Emenda 54**

#### **Proposta għal Artikolu 19**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### **Artikolu 19**

##### **Kumitat**

**1. Għall-fini ta l-implementazzjoni tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn kumitat.**

**2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.**

##### *Emenda*

##### **imħassar**

***Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' ġbir onlajn għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati; għalhekk, din id-dispożizzjoni dwar is-setgħat implimentattivi skadiet.*

**Emenda 55**

**Proposta għal  
Premessa 20 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 20a***

***Assistenza***

***1. Il-Kummissjoni għandha tfassal gwida komprensiva u faċli biex tintuża dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini u żżommha aġġornata;***

***2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi help desk sabiex jappoġġja lill-organizzaturi u biex jidħol fi djalogu minn stadju bikri tal-proċedura.***

***Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tgħarraf lill-organizzaturi dwar proposti leġiżlattivi attwali jew intenzjonati dwar kwisjonijiet mqajma mill-inizjattiva u ta' inizjattivi taċ-ċittadini rreġistrati oħrajn li jkunu jirrigwardaw l-istess kwistjoni sħiħa jew parti minnha.***

*Ġustifikazzjoni*

*For the sake of the success of this new democratic tool, it is important that citizens are well informed about the procedure to be followed. The Commission should therefore provide a user friendly guide on the initiative and should set up a help desk which would be a natural reference point to organisers if they have questions or if they wish to clarify a certain issue with the EU institution responsible for the registration of the initiative. Especially, the Commission should help the organisers with information on current or intended legislative proposals, in order to avoid wasting energy on a matter that is already taken up by the Commission. The information on other registered initiatives concerning the same matter could enhance the European dimension of initiatives.*

## Emenda 56

### Proposta għal Artikolu 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'enfasi speċjali fuq is-sistemi ta' ġbir onlajn u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-trasparenza rigward l-iffinanzjar ta' inizjattivi, flimkien ma', jekk inhu xieraq, proposta leġiżlattiva għal emenda ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 57

### Proposta għal Artikolu 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

#### *Emenda*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

***Huwa għandu jkollu effett sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.***

## Emenda 58

### Proposta għal ANNEX II

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini L-informazzjoni segwenti għandha tkun provduta sabiex tiġi reġistrata inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni:

#### *Emenda*

L-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini L-informazzjoni segwenti għandha tkun provduta għar-reġistru tal-Kummissjoni:

1. It-titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'mhux aktar minn 100 karattru;
  2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;
  3. Deskrizzjoni tal-għanijiet tal-proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna li taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;
  4. Il-bażi legali tat-Trattati li tippermettli lill-Kummissjoni li taġixxi;
  5. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha;
  7. Is-sorsi kollha ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva proposta fil-ħin tar-reġistrazzjoni.
- L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jissottomettu test leġiżlattiv abbozz.

1. It-titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'mhux aktar minn 100 karattru;
  2. Is-suġġett, f'mhux aktar minn 200 karattru;
  3. Deskrizzjoni tal-għanijiet tal-proposta li fuqha l-Kummissjoni hija mistiedna li taġixxi, f'mhux aktar minn 500 karattru;
  4. Id-dispożizzjoni tat-Trattat meqjusa relevanti mill-organizzaturi għall-azzjoni proposta;
  5. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzaturi u l-persuni ta' kuntatt;
  6. Is-sorsi kollha ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva proposta fil-ħin tar-reġistrazzjoni.
- L-organizzaturi jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar is-suġġett, l-għanijiet u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta f'anness. Jekk jixtiequ, jistgħu wkoll jissottomettu test leġiżlattiv abbozz.

### *Ġustifikazzjoni*

*Bidliet li saru neċessarji minħabba bidliet għat-termini li jimplementaw. It-titlu u l-intestatura għandhom jinbidlu minħabba li l-Artikolu 4 jemenda sostanzjalment in-natura u l-proċedura tar-reġistrazzjoni. Għalhekk it-titlu jaf iqarra għax huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni aktar elementi minn dawk elenkati fl-anness, eż. l-inizjattiva mhijiex kontra l-valuri tal-Unjoni, eċċ. Barra minn hekk, ir-raġunijiet għar-rifjut tar-reġistrazzjoni huma elenkati fl-Artikolu 4. L-Anness m'għandux iżid ma' dawk il-kundizzjonijiet.*

## **Emenda 59**

### **Proposta għal ANNEX III**

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### **Formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ**

Kaxxa 1: *(trid timtela qabel mill-organizzatur)*

- |    |   |
|----|---|
| 1. | Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni*:  |
| 2. | Data tar-reġistrazzjoni*:   |
| 3. | Indirizz tal-websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni*: |

Kaxxa 2: (trid timtela qabel mill-organizzatur)

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: (massimu ta' 100 karattru)
2. Is-suġġett\*: (is-suġġett għandhu jkun ċar kemm jista' jkun) (massimu ta' 200 karattru)
3. Deskrizzjoni tal-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: (massimu ta' 500 karattru)
4. L-isem u l-indirizz tal-organizzatur\*:
5. Websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:

Kaxxa 3: (timtela mill-firmatarju)

1. Isem il-firmatarju:  
**Isem\*...Kunjom\*:**
2. Indirizz:  
  
**Triq:**  
**Kodiċi postali: Belt\*:**  
**Il-pajjiż":**
3. **Indirizz elettroniku:**
4. Data u post tat-twelid\*:  
**Data tat-twelid: Lokalià u pajjiż:**
5. Ċittadinanza\*:
6. **Numru personali ta' identifikazzjoni\*:**  
**Tip ta' numru ta' identifikazzjoni/dokument tal-identità\*:**  
**Karta tal-identità nazzjonali:**  **Passaport:**  **Sigurtà Soċjali:**   
**Stat Membri, fejn inħareġ in-numru ta' identifikazzjoni/identità tad-dokument\*:**
7. **Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta u li jien appoġġajt din l-inizjattiva taċ-ċittadini darba biss\*.**  
Data u firma tal-firmatarju\* : .....

\*: **obbligatorji**

♦: *il-firma mhix meħtieġa meta l-formola tiġi sottomessa elettronikament*



**Formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ**

Kaxxa 1: (trid timtela qabel mill-organizzatur)

1. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
2. Data tar-reġistrazzjoni\*:
3. Indirizz tal-websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni\*:

Kaxxa 2: (trid timtela qabel mill-organizzatur)

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: (massimu ta' 100 karattru)
2. Is-sugġett\*: (is-sugġett għandhu jkun ċar kemm jista' jkun) (massimu ta' 200 karattru)
3. Deskrizzjoni tal-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta\*: (massimu ta' 500 karattru)
4. L-isem u l-indirizz tal-organizzatur\*:
- 4a. **L-isem u l-indirizz tal-persuni ta' kuntatt:**
5. Websajt tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:
- 5a. **Għajjuna finanzjarja u politika li jkun n għataw rigward l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta;**

Kaxxa 3: (timtela mill-firmatarju)

Isem	Indirizz tar-residenza permanenti	Data u post tat-twelid*:	Ċittadinanza*:	Data tal-iffirmar	Signature ♦

**Il-firmatarji jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta partikolari, darba waħda biss.**

**Jekk hemm.**

♦: il-firma mhix meħtieġa meta l-formola tiġi sottomessa elettronikament

*Ġustifikazzjoni*

*Bidliet li saru neċessarji minħabba bidliet għat-termini li jimplementaw. Il-formola għandu jkollha diversi ringieli għall-għbir tal-firem għax is-soltu, fil-prattika, hekk jinġabru l-firem.*

**Emenda 60**

**Proposta għal  
ANNEX V**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Formola ta' talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta**

1. **Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:**
2. **Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:**
3. **Data tar-reġistrazzjoni\*:**
4. **Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura\*:**
5. **Numru ta' firmatarji għal kull Stat Membru\*:**

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. **Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.**

**Data u firma tal-organizzatur\*:**

**\*: obbligatorji**

*Amendment by Parliament*

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 8 hu mħassar.*

**Emenda 61**

**Proposta għal  
ANNEX VI**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Formola għas-sottomissjoni ta'  
dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-  
awtoritajiet kompetenti tal-Istati**

**Formola għas-sottomissjoni ta'  
dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-  
awtoritajiet kompetenti tal-Istati**

## **Membri**

1. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha\*:

2. Titolu tal-inizjattiva taç-çittadini\*:

3. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:

4. Data tar-reġistrazzjoni\*:

### ***5. Data tat-talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà\*:***

6. Numru ta' firmatarji ġejjin minn [isem tal-Istat Membru]\*:

7. Annessi\*:

(Inkludi d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha mill-firmatarji li jkunu speċifikaw numru ta' identifikazzjoni personali maħruġ mill-istess Stat Membru.

Jekk applikabbli, inkludi ç-çertifikat(i) relevanti li jiçcertifika(w) li l-konformità tas-sistema ta' ġbir onlajn mar-Regolament xxxx/xxxx)

8. Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji

## **Membri**

1. L-isem, indirizz postali u tal-e-mail kompluti tal-organizzaturi u l-persuni ta' kuntatt\*.

2. Titolu tal-inizjattiva taç-çittadini\*:

3. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:

4. Data tar-reġistrazzjoni\*:

6. Numru ta' firmatarji ġejjin minn [isem tal-Istat Membru]\*:

7. Annessi\*:

Jekk applikabbli, inkludi ç-çertifikat(i) relevanti li jiçcertifika(w) li l-konformità tas-sistema ta' ġbir onlajn mar-Regolament xxxx/xxxx)

8. Data u firma tal-organizzatur\*:

\*: obbligatorji

## *Ġustifikazzjoni*

*Bidliet li saru neċessarji minħabba bidliet għat-termini li jimplementaw.*

## **Emenda 62**

### **Proposta għal ANNEX VIII**

*Test propost mill-Kummissjoni*

### **Formola għas-sottomissjoni ta' inizjattiva taç-çittadini lill-Kummissjoni**

1. Titolu tal-inizjattiva taç-çittadini\*:

2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ eliġibbli miġbura\*: *(irid ikun aktar minn miljun)*
5. Numru ta' firmatarji ċertifikati għal kull Stat Membru\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha:
  7. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.  
Data u firma tal-organizzatur\*:
  8. Annessi\*:  
Inkludi ċ-ċertifikati kollha
- \*: obbligatorji

**Formola għas-sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni**

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini\*:
2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni\*:
3. Data tar-reġistrazzjoni\*:
4. Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ eliġibbli miġbura\*: (*irid ikun aktar minn miljun*)
5. Numru ta' firmatarji ċertifikati għal kull Stat Membru\*:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta' firmatarji															
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL		
Numru ta' firmatarji															

6. L-isem, indirizz postali u tal-e-mail kompluti tal-organizzaturi u l-persuni ta' kuntatt.
7. Jiena hawnhekk niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-formola hija korretta.  
Data u firma tal-organizzatur\*:
8. Annessi\*:  
Inkludi ċ-ċertifikati kollha

\*: obbligatorji

*Ġustifikazzjoni*

*Bidliet li saru neċessarji minħabba bidliet għat-termini li jimplimentaw.*

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Citizens' initiative	
<b>Referenzi</b>	(COM(2010)0119 – C7-0089/2010 – 2010/0074(COD))	
<b>Kumitat responsabbli</b>	AFCO	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PETI 21.4.2010	
<b>Kumitat(i) assoċjat(i)</b> Data tat-tħabbir fis-sedutaplenarja	17.6.2010	
<b>Rapporteur għal opinjoni:</b> Date appointed	Diana Wallis 1.6.2010	Gerald Häfner 1.6.2010
<b>Rapporteur(s) preċedenti</b>	Gerald Häfner	Diana Wallis
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.11.2010	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 1 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Elena Băsescu, Simon Busuttil, Michael Cashman, Bairbre de Brún, Pascale Gruny, Ágnes Hankiss, Roger Helmer, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Judith A. Merkies, Mariya Nedelcheva, Chrysoula Paliadeli, Nikolaos Salavrakos, Diana Wallis, Jarosław Leszek Wałęsa, Angelika Werthmann, Rainer Wieland	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sandrine Bélier, Herbert Dorfmann, Gerald Häfner, Axel Voss	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ramona Nicole Mănescu, Silvia-Adriana Țicău	